



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

12255/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0225 (NLE)

MAMA 150
MED 39
TU 16

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit bil-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-validità tal-prijoritajiet strateġiċi UE-Tuneżija sakemm jiġu adottati prijoritajiet strateġiċi aġġornati ġodda mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit bil-Ftehim Ewro-Mediterranju
li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom,
min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, fir-rigward
tal-estensjoni tal-validità tal-prijoritajiet strateġiċi UE-Tuneżija
sakemm jiġu adottati prijoritajiet strateġiċi aġġornati ġodda mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 217 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra¹ ("il-Ftehim") ġie ffirmat fis-17 ta' Lulju 1995 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1998.
- (2) Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni adottata il-prijoritajiet strateġiċi UE-Tuneżija bid-Deċiżjoni Nru 1/2018 tiegħu².
- (3) Fi skambju ta' ittri, iż-żewġ naħat qablu li jenħtieġ li tiġi estiża l-validità tal-prijoritajiet strateġiċi UE-Tuneżija bħala dokument ta' gwida biex tiġi kkonsolidata s-sħubija sakemm jiġu adottati priyoritajiet strateġiċi aġġornati ġodda.
- (4) Skont l-Artikolu 80 tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu s-setgħa jieħu deċiżjonijiet għall-finijiet tal-ilħuq tal-oġettivi tal-Ftehim.

¹ ĠU L 97, 30.3.1998, p. 2.

² Id-Deċiżjoni Nru 1/2018 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Tuneżija tad-9 ta' Novembru 2018 li tadotta l-prijoritajiet strateġiċi UE-Tuneżija għall-perijodu 2018-2020 (ĠU L 293, 20.11.2018, p. 39).

- (5) Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta deċiżjoni permezz ta' proċedura bil-miktub biex jestendi l-validità tal-prijoritajiet strateġiċi sakemm jiġu adottati prijoritajiet strateġiċi aġġornati ġodda mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.
- (6) Għalhekk ikun xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, billi d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ser ikollha effetti legali
- (7) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għalhekk jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-estensjoni tal-validità tal-prijoritajiet strateġiċi UE-Tuneżija sakemm jiġu adottati prijoritajiet strateġiċi aġġornati ġodda mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni¹.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Ara d-dokument ST 12265/21 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.